# Bormla u l-Immakulata Kunċizzjoni

## Tifkira ta' 70 Sena Ilu

**Kitba ta' Sunny Aquilina**

Din is-sena, 2014 jaħbat għeluq is-70 Sena mill-Pellegrinaġġ kolossali li kien sar nhar id-19 ta' Novembru, 1944, wara gwerra ħarxa meta l-istatwa u l-kwadru inkurunat ta' Marija Immakulata nġiebu lura bil-mixi minn Birkirkara għal Bormla b'ħajr lil Alla u lill-Madonna talli l-knisja parrokkjali baqgħet wieqfa u ma waqgħetx bil-bombi tal-għadu.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ġewwa Bormla hija antika ħafna. Sa mill-qedem kien hawn devozzjoni kbira lejn il-Madonna tas-Sokkors, jiġifieri l-Madonna tal-għajnuna li tgħin lill-imnikktin. Id-devoti Bormliżi dejjem hekk ħarsu lejha u dwar kif bdiet id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sokkors hemm tradizzjoni ħelwa li tgħid li l-Madonna dehret fejn illum hemm il-knisja parrokkjali biex ħelset tarbija minn idejn ix-xitan. B'dan is-suġġett naraw trittiku fis-sagristija u l-pittura fil-kappella fejn hemm l-istatwa devota tal-Kunċizzjoni. Bħala xhieda ta' din it-tradizzjoni hemm statwetta żgħira mwaħħla fuq wara tas-Salib tal-Kleru tal-boċċa u l-frażi *'Succurre Miseris'* (*Għin lill-Imnikktin*) fuq il-kwadru devot tal-kor.

Il-knisja ewlenija ta' Bormla saret parroċċa bil-ħila tal-poplu Bormliż billi fl-1 ta' Ġunju, 1584 saret talba f'isem il-Bormliżi mill-prokuraturi Benedettu Rosso, Duminku de Modina, Ġlormu Russo u Marinu Gaudisio biex Bormla ssir parroċċa. Din it-talba saret lil Mons. Pietro Costa, Supretendent tal-Isqof u wiegħdu li jagħtu lill-kurat tal-knisja post fejn joqgħod u pensjoni kull sena. It-talba ntlaqgħet imma dan id-dritt beda jgħodd lejn l-aħħar tal-1586 billi fl-1 ta' Jannar,1587 insibu reġistrati l-ewwel magħmudijiet. L-ewwel tarbija li tgħammdet kienet tifla bl-isem ta' Imperia Spiteri. L-ewwel Kappillan kien Dun Mikiel Cap. Ta' min isemmi li sa minn qabel ma saret parroċċa twaqqfet il-fratellanza tal-Kunċizzjoni fl-1581. Matul is-snin twaqqfu għadd ta' fratellanzi oħra fosthom tas-Santissmu Kurċifiss li kienet tieħu ħsieb il-festi tal-Ġimgħa

l-Kbira u l-Għid il-Kbir. Il-knisja nbniet mill-ġdid u wara reġgħet inbniet dik li għandna llum li kienet tista' tgħid lesta għall-ħabta tal-1722. Mitt sena wara, fl-1822, il-knisja parrokkjali ta' Bormla saret Kolleġġjata fi żmien il-Papa Piju VII.

Fl-1828 il-pittur Pietru Pawl Caruana pitter il-kwadru tal-kor fuq ispirazzjoni tal-Kanonku Ludovik Mifsud Tommasi li rregala l-kwadru lill-parroċċa iżda dan tpoġġa f'postu fl-1850. Erba' snin wara l-Papa Beatu Piju IX ddefinixxa d-domma tal-Immakulata nhar it-8 ta' Diċembru, 1854. Din tgħid li l-Madonna tnisslet mingħajr id-dnub tan-nisel. Hija Immakulata, bla ebda tebgħa ta' dnub! Erba' snin wara l-Madonna dehret f'Lourdes liebsa kif tpittret fil-kwadru ta' Bormla, b'libsa bajda b'faxxa kaħla u stqarret ma' Bernadett li ***Hija kienet l-Immakulata Kunċizzjoni!***

Paġna mill-aktar glorjuża twettqet nhar il-25 ta' Ġunju, 1905 meta l-Kardinal Domenico Ferrata, f'isem il-Papa qaddis, San Piju X inkuruna x-xbieha ta' Marija Immakulata u hekk sar Santwarju. Fl-1955, f'għeluq il-100 sena tad-Domma tal-Immakulata u l-50 sena mill-Inkurunazzjoni, l-Kardinal Federico Tedeschini dawwar ras il-Madonna inkurunata bi stillarju prezzjuż li twassal sa Pjazza Santa Margerita, fejn saret iċ-ċerimonja solenni, mit-Teżorier Kan. Dun Ġużepp Cassar, li kien ukoll Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Mużikali Bormliża u mill-Onor. Perit Dom Mintoff li barra li kien Prim Ministru ta' Malta kien ukoll President tal-Każin tal-Banda. F'għeluq iċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni, fl-2005 il-Banda Cospicuana, barra li ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoonijiet li saru tellgħet il-Cantata, *'Ave Maria Regina Et Mater'* fis-santwarju kif ukoll ħarġet CD b'innijiet Marjani.

Tul is-snin koroh tal-gwerra l-kwadru u l-istatwa tal-Kunċizzjoni ttieħdu lejn il-parroċċa ta' Birkirkara minħabba l-biża' tal-bombi qerrieda. Iżda saret wegħda mir-Revmu Kapitlu li jekk il-knisja kolleġġjata tibqa' wieqfa jinġiebu l-istatwa u l-kwadru hekk devot bil-mixi mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara sal-Kolleġġjata ta' Bormla. Mirakolużament il-knisja parrokkjali baqgħet wieqfa fost it-tiġrif u għalhekk nhar id-19 ta' Novembru, 1944 sar il-Pellegrinaġġ kolossali li fih ħadu sehem diversi baned, fosthom naturalment il-Banda ta' Bormla kif ukoll folol kbar ta' eluf ta' nies. Kien trijonf għall-Immakulata Kunċizzjoni u ta' inkuraġġiment kbir biex Bormla tibda tqum mill-ġrieħi ta' gwerra li warajha ħalliet ħerba sħiħa. Imma Bormla u Marija reġgħu flimkien u d-devozzjoni u Bormla reġgħu qamu mit-tiġrif.